# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 18 ta' Frar 2002**

**Avviz. numru 1477/00**

**Numru 26**

**United Acceptances Finance Ltd**

**vs**

**Etienne Galea**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' disa' mija, erbgha u erbghin liri Maltin u sittax il-centezmu (Lm944.16), import ta' kambjali mill-konvenut iffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali jinsabu annessi u mmarkati Dok 1 sa 11, liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gie nterpellat sabiex ihallas.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat il-kambjalijiet annessi a fol 2 sa fol 12 tal-atti u mmarkati minn Dok "1" sa Dok "11".

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta' Frar 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm944.16,0 bl-imghaxijiet legali mid-data ta' skadenza ta' kull kambjala esebita in atti sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes <u>esklusi</u> , pero' l-"ittri ufficjali" bla dati msemmijin fl-avviz.

Alan Calleja
Deputat Registratur